# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizzjoni numru : 2900

Kaz Nru. 4059/JHP

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Fahmi Bouzayen (KI 212117 A)

u

Mare Blu Tuna Farm Limited (C 20565)

**Chairman: James Henry Pearsall**

**Illum 27 ta'Marzu, 2023**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali minn Fahmi Bouzayen permezz ta' rikors ppreżentat, mill-Avv. Rebecca Mercieca, nhar it-12 ta' April 2022 fit-Tribunal Industrijali u fil-Qrati tal-Gustizzja, fejn isosstni li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu ma kienetx għal raġuni valida skont l-ATT tal-2003 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. (Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta). Ghaldaqstant qieghed jitlob kumpens xieraq ghad-danni li sofra.
Minn naha taghha il-kumpanija Mare Blu Tuna Farm Ltd permezz ta' l-Avv. Dr David Farrugia Sacco f'risposta mibghuta fil-25 ta' Mejju 2022 lit-Tribunal Industrijali u lil-Qrati tal Gustizzja Maltin, tirritjeni li it-talbiet ta' Fahmi Bouzayen huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda.

**(2) Ir-rapprezentanza:**

Fahmi Bouzayen li minn issa il quddiem ser jissejjah ir-rikorrent u li kien assistit **mill-Avv: Dr. Rebecca Mercieca** assocjata ma **l-Avv: Nicole Vasallo.**
Mare Blu Tuna Farm Ltd Ltd li minn issa ser tissejjah is-socjeta intimata qed tkun assistita **mill Avv: Dr David Farrugia Sacco.**

**(2) Il-fatti fil qosor:**

Ir-rikorrent kien impjegat mas-socjeta’ intimata fuq bazi full time, fil-posizzjoni ta’ **Commercial Diver** b’kuntratt indefinit datat 21 ta’ Marzu 2019.

Fl-10 ta’April 2021 ir-rikorrent korra fuq ix-xoghol u illum ibati minn dizabilita permanenti. Kif kellu kull dritt li jaghmel, ir-rikorrent permezz ta’ ittra ufficjali datat 19 ta’Ottubru 2021, bin-numru 4503/2021 , kien interpella lis-socjeta’ intimata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni.

Fi Frar ta-2022 flimkien ma applikazzjonijiet tal-kollegi tieghu li tirrigwardja il-permess ghax-xoghol f’Malta, bhala Third Country National, kien qed jistenna s-sottomissjoni ta’ l-applikazzjoni tieghu minn naha tas-socjeta’ intimata u li meta fil-5 ta’ Marzu 2022 staqsa lill-ufficjali tas-socjeta’ initmata fix kienet waslet, ir-risposta kient li din qieghda l-Identity Malta.

Fis-17 ta’ Marzu waqt laqgha li saret fl-ufficju tas-socjeta’ intimata, dan gie mgahrraf li l-applikazzjoni tieghu ghal permess ma kienetx ser tigi sottomessa ghal raguni li huwa kien ser jiehu passi kontra is-socjeta’ fir-rigward tal-kumpens li kien qieghed jitlob minhabba id-danni li kien sofra wara l-accident li kien gralu.

F’din li-laqgha ir-rikorrenti hassu irrikattat meta gie mitlub li jew jirtira il-pretensjonijiet tieghu fir-rigward tal-kumpens ghat-danni li qieghed jitlob, fejn jekk ma jaccettax, il-kuntratt tieghu ser jigi itterminat.

Ir-rikorrenti safa imkecci mill-impieg tieghu ghal ragunijiet ghal kollox infondati.

Is-socjeta’ intimata minn naha l-ohra filwaqt li kienet taf li l-incident li kien involut fih ir-rikorrent kien sehh, uriet il-posizzjoni taghha f’dan ir-rigward, kif ukoll uriet nuqqas ta’ qbil ghall-ittra li kien baghat ir-rikorrent fejn wera li hu qieghed jitlob kumpens ghad-danni li garrab.

Is-socjeta spjegat li l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet sottomessaa on line fuq il-portal ta’ l-I.D. Malta izda ma kienetx thallset, ghaldaqstant il-process taghha jibqa wieqaf. Din l-applikazzjoni baqghet pendenti meta iz-zmien ghas-sottomissjoni taghha kien qed jasal fit-terminu tieghu, f’dan il-perjodu ir-rikorent mar jitkellem ma ufficjali tas-socjeta’ intimata (direttur u accountant) fejn dawn irreferew lir-rikorrent ghat-talba ghad-danni li kien qieghed jaghmel. Wara din id-diskussjoni li kellhom huma saru jafu li ir-rikorrent kien irrekordja d-diskursata li kellhu maghhom u hassew li b’dan il-att kienu tilfu il-fiducja u l-kunfidenza kollha taghhom li kellhom lejn ir-rikorrent.

Gara il-fatt li filwaqt li l-applikazzjoni ghal permess ghax-xoghol tar-rikorrent kienet ghada pendenti huma hassew li kellhom jitterminaw l-impieg tieghu, dan erba t’ijiem biss qabel l-iskadenza tad-data ghall permess ghar-residenza ta’ l-intimat gew Malta bhala Third Country National, konsegwentiment permess sabiex ikun jista jahdem.

F’dan il-frattemp ezattt fil-21 ta’ Marzu 2022 gie mwaqqaf mill-impieg tieghu fejn skond is-socjeta’ intimata ir-raguni mghotija kienet **“ Circumstances beyond employer’s control. Expiry of Employment Licence”.**

**(3) Lista tax-xhieda:**

Minn naha tas-socjeta' intimata xhiedha skond kif riferuti risposta taghha.

Minn naha tar-rikorrent, xhiedha riferuta fid-dikjarazzjoni tieghu.

**(4) Lista tad-dokumenti:**

Minn naha tar-rikorrent Doc A sa E inkluzi.

Dok FBI: Dok A (pen drive);B;C;C1;FB2;FB3;HB1

**(5) Gabra tax-xhieda fil qosor:**

**Sed 21-11-2022**

**L-Avv: Rebecca Mercieca:** (Mis) *" ___l-permess ta' Fahmi kien ghadu pendenti?"*

**Massimo Cappita:** (Ris)*" Iva kien ghadu pendenti, stajna napplikaw ghalih meta rridu"*

**L-Avv R M:** Mis *"Igifieri ma hassejtkx offiz ghax ircevejt l-ittra ______?"*

**Xhud M C:** Ris *" Le l-anqas xejn, Ghadni ma rcevejthiex l-ittra"*

**L-Avv R.M :** Mis "*Jigifieri int qed tghid li imbaghad id-decizzjoni li titterminah hassejtek tradut ghax hu irrekordjak ghalhekk*?". (Rif pag 4)

**Xhud M.C:** Ris: " ***Iva,*** *u naf li kellu jibghat karta ghax hu stess bil-fomm qalli 'isma" jiena ha mmexxi, ha nitlob tmenin elf, ghadni niftakar l-ammont ezatt – " imbaghad li ittuni inthom noqghod bih"* (pag 5)

**L-Avv: R.M**: Mis: " U naqblu li din l-applikazzjoni li kienet ghadha pendenti imbaghad giet michuda wara ?"

**Xhud M.C:** Ris: " Wara li rrekordjani". (pag 5).

**L-Avv: D.F.S:** *" Il-kwistjoni li qed jispjegali s-Sur Capitta hija li filwaqt li f'dan is-settur li huwa so generous fejn bazikament ma jkollokx permess biex tahdem Malta peress li inti bahhar allura tkun fuq l-iskuna u ma jkollokx bzonn permess, ghax tkun fuq crew list, u xorta tahdem b'mod regolari_______" (pag 6).*

**L-Avv D.F.S.** " ________________________________*u fil verita m'hemm l-ebda attivita illegali ghaliex tkun fuq crew list hija xi haga accettata u n-norma f'dak li-generu tax-xoghol ghax meta tkun fuq il-bahar m'hemm l-ebda mod differenti kif taghmilha , u int fil-verita qed tghejjex lill-familja tieghek, qed tithallas bl-ebda mod illegali*". (pag 14).

**L-Avv: D.F.S:** Mis: " _________________*Nghid sew illi int ma kellekx tkun hemm isfel quddiem ?"*

**Xhud M.C:** Ris: *"Ghalfejn ma kellix inkun hemm" Jiena l-imghallem responsabbli cemplilna biex innizlu l-pallet".*

**L-Avv: D.F.S:** Mis: "*X'jismu l-imghallem*?".

**Xhud F.B:** Ris: *" Pierre*" (Sed 19/11/2022 pag 6).

**L-Avv: D.F.S:** Mis **"**______________________*imma sakemm mort tkellimhom l-applikazzjoni tieghek setghet tigi processata , ma kienetx skadiet. Taqbel mieghi ?"*

**Xhud F.B** Ris " *Iva kien fadlilha u jiena staqsejthom hemmhekk u qalu li jekk trid thassar kollox biex tkompli maghna, jekk le* _______" (pag 6

**Xhud F.B:** "________*hemmhekk fl-ufficcju qaluli "jekk ma thassarx il-kawza mhux ha tkompli maghna", ghidtilhom "mhux ha nhassar il-kawza" u daqshekk.*(pag 8)

**L-Avv: D.F.S:** Mis **" _____________***Entrapment huwa li inti tmur ghand xi hadd u tistiednu biex jaghmel xi haga hazina, inti ghaliex irrekordjajthom minghajr ma kienu jafu" Ghaliex m'ghidtilhomx?"*

**Xhud F.B:** *"__________Minhabba li ha jkeccuni, u smajt habba min hu responsabbli qalli tkellem maghhom, u ma l-avukat____"* ( Pag 9).

**(6) Trattazzjoni finali:**

**L-Avv: David Farrugia Sacco:** irrefera kemm ghal l-accident li sehh fuq ir-rikorrent kif ukoll li l-process ta' applikazzjoni ghal permess ghax-xoghol tieghu kienet ghadha pendenti. Hu sosstna li l-fatt li r-rikorrent irrekordja lill-diretturi tieghu waqt diskursata rigward l-applikazzjoni tieghu, u li dan wassal sabiex id-diretturi tilfu l-fiducja fir-rikorrenti u ghaldaqstant wassal sabiex jigi itterminat l-impieg tieghu.

**L-Avv; D.F.S**: irriffera ghal l-irrekordjar minghajr permess li ghamel ir-rikorrent bhal "entrapment" u kien dan l-att li urta bil-kbir lis-socjeta' intimata, u li ghalhek ma kelliex triq ohra hlief li tittermina l-impieg tar-rikorrent.

**L-Avv: Rebecca Mercieca** : spjegat x'gara matul il-process ta' l-applikazzjoni ghal permess ghax-xoghol tar-rikorrent minhabba li huwa TCN. Din l-applikazzjoni thalliet pendenti sad-data ta' l-gheluq, 21 ta'Marzu 2022, erba t'ijiem biss qabel id-data ta' l-iskadenza ghat-tigdid tal-permesss, li meta din id-data tkun maqbuza ir-rikorrent jispicca bhala persuna li qieghda Malta illegalment u ghalhekk awtomatikament ma jistax jahdem. Dan sar wara li ir-rikorrent kien ghamel talba ghal kumpens minhabba danni li sofra wara accident li sehh fuqu fil-post tax-xoghol.

**L-Avv: R.M**: irrimarkat li id-diretturi tas-socjeta' intimata kienu issuggerew sabiex ir-rikorrent jirtira it-talbiet tieghu ghall-kumpens mitlub minhabba l-accident li kellu, sabiex huma imexxu l-applikazzjoni u hu ikun jista jibqa fl-impieg, maghhom.

**Ic-Chairperson tat-tribunal:** staqsa lis-sur Cappitta bhala direttur jekk kieku ir-rikorrent ma irrekordjax id-diskursata li kellek mieghu ir-rikorrent kien jinzamm fl-impieg ?

**Is-Sur Capitta** wiegeb mill-ewwel **"iva"**

**(7) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali fil-kunsiderrazzjonijiet tieghu ghamel dawn il-mistoqsijiet:

(a) X'kien l-incident primarju li minnhu bdiet it-trieq li wasslet ghat tkeccija ?
(b) X'kien barra minn loku li ir-rikorrent jaghmel talba ghal kumpens wara l-accident li kellu fuq il-post tax-xoghol waqt il-qadi ta' dmirijietu, fejn safa imwegga u kellu riperkussjonijiet?

(c) X’kienet ir-raguni veru li b’xi mod jew iehor l-applikazzjoni ghall kontinwazzjoni fl-impieg tar-rikorrent ma kienetx inkluza ma applikazzjonijiet simili ta’ hames impjegati ohra?

(d) X’gaghal lis-socjeta’ intimata, li fil-kaz ta’ l-applikazzjoni ghall permess tax-xoghol tar-rikorrent, baqghet tittratjeni sal-punt tad-data ta’ l-iskadenza sabiex tigi mghoddija u li peres li il-pagament ma kienx imhallas, ir-rikkorrent spicca minghajr permess ta’ residenza, u b’rizultat ta’ dan anke gie meqjus bhal persuna li qeda Malta illegalment?

(e) X’kienet ir-raguni li is-socjeta’ intimata sosstniet mar-rikorrent sabiex iwaqqaf it-talba tieghu ghal kumpens ghad-danni li kien sofra ?

(f) L-irrekordjar ta’ diskussjoni, minghajr permess ta’ l-ufficjali tas-socjeta’ intimata, huwa meqjus bhal ksur ta’ ligi, jew xi regolament stipulat fil-kuntratt tax-xoghol ta’ l-impjegati, li jista iwassal ghal dixxiplina?

(g) Il-kliem li gie irrekordjat kien veritier u jekk fil posittiv, dan kien ipoggi fii zvantagg il-posizzjoni ta’ l-impieg tar-rikorrenti ?

(h) Jekk l-irrekordjar tad-diskussjoni qieghed jisejjah “entrapment” minn naha tas-socjeta’ intimata, gie ppruvat li dan intuza sabiex jaghmel hsara diretta jew indiretta lis-socjeta’ intimata?

(i) Il-kliem li intqal mid-direttur/ufficjal sabiex is-socjeta’ intimata tilhaq l-iskop taghha, jista jigi mitqies bhal “rikatt”meta hemm l-impieg tar-rikorrent fin-nofs? Dik l-hekk imsejjha (Hobsin’s choice).

(j) Veru li r-raguni li wasslet ghal waqfien immedjat mill-impieg tar-rikorrent, veru kien “Circumstances beyond Employer’s control; Cancellation/Suspension of employment licence ??

It-Tribunal wara dawn il-mistoqsijiet, ikkunsidra u jezigi li huwa id-dover tieghu li jikseb kemm jista ikun evidenza relevanti ghal-kaz b’kull mezz possibbli, sabiex ikun jista jasal ghal decizzijoni gusta.

It-Tribunal innota ukoll li ir-rikorrent kien haddiem biezel u responsabbli “Commercial Diver”, li qatt ma gie moghti xi forma ta’ dixxiplina, l-anqas twissija, waqt perjodu ta’ l-impieg tieghu mas-socjeta’ intimata. (kwazi tlett snin)

Jidher car li l-azzjoni ta’ l-irrekordjar tad-diskussjoni, minn naha tar-rikorrent, ma kienetx maghmula b’makkakerija minn xi bniedem manipulatiiv, izda kienet aktar gejja minn persuna fi stat konfuz ta’ bniedem vulnerabbli (barrani b’mara tqila, possibilita li jitlef ix-xoghol, kif ukoll li jitlef il-permess li jibqa jghix f’Malta), dan minhabba accident li huwa zgur ma xtaqhux. Fis-sitwazzjoni li kien fiha ma gietx kkagunata minn xi nuqqas ta’ doveri fuq il-post tax-xoghol, ir-rikorrent ghamel minn kollox sabiex jipprotegi ruhu minn kull misinterpretazzjoni ta’ dak li kien ghaddej minnhu. Ir-rikorrent ma fassalx xi pjan b’ xi apparat mohbi minn qabel fl-uffficcju tas-socjeta’ intimata, u ghamel uza mir-recordings ma terzi sabiex jaghmel hsara lis-socjeta’ intimata ghal xi skop ulterjurji. It-Tribunal qies l-ghemil tar-rikorent f’kuntrast bejn “ The highly manipulative and the confused and vulnerable”.(Rif) Samantha Mustard vs Jamie Flower).

Minbarra dan it-Tribunal Industrijali sab li kien rari hafna li rrekordjar bil-mohbi (covert recordings) f-sitwazzjonijiet simili gew indikati bhal "gross misconduct" u li twassal ghal tkeccija mill-impieg. EAT (H H Judge Richards para 78). Huwa l-istess kuntratt tax-xoghol tar-rikorrent li jirreferi ghal gross misconduct fejn tidhol "*Breach of confidentiality*" li bil-fatt tal-irrekordjar ma inkissret l-ebda kunfidenzjalita. Kull ma sehh kien, li fir-riskju li ir-rikorrent kien ser jitlef l-impieg uza mezz sabiex jipprova li iz-zamma ta' l-applikazzjoni kienet marbut mat-talba ghad-drittijiet tieghu.

It-Tribunali Industrijali (Appell) iqis "gross misconduct" meta tkun saret xi azzjoni minn impjegat/a minghajr l-ebda raguni proprja, u li ikun agixxa b'mod ikkalkulat sabiex jaghmel l-aktar hsara possibbli fir-relazzjoni ta' fiducja u kunfidenzjalita bejn hu u is-socjeta'.
Ghalhekk ir-raguni tat-tkeccija fuq il-bazi li tilfet il-fiducja taghha fir-rikorent u li ghaldaqstant wasslet lis- socjeta' initmata taghti, **dak li fil-kamp tax-xoghol jitqies bhal il-piena kapitali jigifieri tkeccija**, bl-ebda mod ma tinkwadra fil-principju tal-proporzjonalita, mal- pern ta' kif bdiet din il-kwistjoni.

Dan it-Tribunal ma setax jikkunsidra l-ahhar argumenti tas-socjeta' intimata fejn minn naha riedet timplika li r-rikorrent kien qieghed jahdem illegalment u minn naha l-ohra l-istess socjeta' tispjega s-sitwazzjoni ta' bahri fuq **il-crew list** hija wahda legali,filwaqt li din kienet l-unika alternattiva ghar-rikorrent sabiex jista jaqla l-ghixien tieghu. Dan wara li safa minghajr permess ta' residenza f'Malta li irrizulta li il-mara tieghu kella tmur lura lejn pajjiza twelled u tibqa tghix hemmhekk.

It-Tribunal Industrijali ma setghax jifhem u jaccetta kif minn accident fuq impjegat mas-socjeta' intimata, waqt il-qadi ta' dmirijietu, u ittra ufficjali biss, ta' talba ghal kumpens minhabba danni li sofra, is-socjeta' intimata tasal ghal process ta' terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent minghajr l-ebda twissija u anqas xi tip baziku ta' process ta' dixxiplina.

It-Tribunal Industrijali ghamel kuntrast car meta is-socjeta' intimata uzat ghodda lecita b'mod mhux f'postu, ghax mill-provi gie indikat li l-applikazzjoni ghal permess tax-xoghol intuzat sabiex ir-rikorrent jitpogga daru mall-hajt u ikollu jaccetta li icedi d-drittijiet li taghtih il-ligi. Mill banda l-ohra is-socjeta' intimata kecciet lir-rikorrent ghal raguni specifika, li hi kienet tilfet il-fiducja fih ghax hu kien irrekordja diskursata minghajr ma infurmhom. Din id-diskurata irrekordjata qatt u bl-ebda mod ma intuzat kontra is-socjeta' u irrizultat f'xi hsara ghas-socjeta', filwaqt li ir-rikorrent bit- twaqqif ta' l-applikazzjoni ghall- permess kif mitlub mill-ligi, gie immedjatament imwaqqaf mill-impieg ghalhekk ma setax la jirresedi u l-anqas jahdem f'Malta.

**(8) Decizzjoni:**

It-Tribunal Industrijali ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif ipprezentati miz-zewg partijiet, zamm hames (5) seduti, sema ix-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha in konsiderazzjoni ta' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazjoni finali.

It-Tribunal Industrijali jaqta u iddecciedi li it-tkeccija tar-rikkorenti kienet wahda ngusta u mhux skond il-ligi, ghaldaqstant it-Tribunal jordna li l-kumpanija li thallas is-somma ta' hmistax il elf euro fi zmien xahar minn din id-decizzjoni.

Dan il-kaz huwa maghluq.

(Iffirmat)

James Pearsall

Chairman